30 ta' Marzu, 1949.

Imħallef :

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

Luigi Ellul *versus* Angela Ellul

**Sentenza — Appell — Kontumaċja — Subizzjoni — Nullità — Art. 701 (1) u 702 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Hija ġurisprudezna kostanti illi l-ħtija tal-parti jew tad-difensur tagħha fin-nuqqas ta' dehra quddiem l-Ewwel Qorti ma tiġġustifikax il-kontumaċja.*

*Is-sejħa tal-konvenut fl-avviż bil-kliem "għandek tidher biex tixhed", u mhux bil-kliem "għandek tidher għas-subizzjoni", ma hix skond il-liġi; u għalhekk is-sentenza tal-Qorti inferjuri li tikkundanna lill-konvenut fil-kontumaċja tiegħu meta l-kapitoli jew deferiti lilu meta kien imsejjaħ fl-avviż "biex jixhed", u mhux "għas-subizzjoni", hija nulla, għax bażata fuq subizzjoni nulla, u mhux sostnuta minn provi oħra validi u legali.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija ta' Malta għall-kundanna tal-konvenuta għall-ħlas ta' £7. 10. 0, ta 'sentejn u nofs kera sa l-aħħar ta' Mejju 1949, tal-fond nru. 26, St. Peter Street, Sliema; bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fil-25 ta' Frar 1949, fejn laqgħet it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat illi l-konvenuta ma dehretx u għalhekk il-kapitoli mogħtija lilha fis-subizzjoni jittieħdu bħala konfessati;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuta u ċ-ċitazzjoni tagħha fejn talbet illi dik is-sentenza tiġi revokata; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi fuq il-kontumaċja ta' l-appellanti quddiem l-Ewwel Qorti, irriżulta illi fl-ewwel seduta........... U hija ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti f'materja ta' kontumaċja, illi meta jkun hemm ħtija jew tal-parti jew tad-difensur, dik il-"culpa" toqtol kwalunkwe ġustifikazzjoni; għaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire";

Tikkunsidra;

Illi l-appellanti eċċepiet ukoll illi s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija nulla għaliex hija fl-avviż quddiem l-Ewwel Qorti ma ġietx imsejħa għas-subizzjoni, u għaliex il-preżentata tal-kapitoli mir-Reġistratur ma kenitx hemm, u lanqas il-firma tiegħu;

Fuq l-ewwel kawżali, skond l-art. 702 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, fil-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta t-talba għas-subizzjoni ssir fiċ-ċitazzjoni; u l-inċiż 2 ta' l-istess artikolu jkompli illi fil-każ imsemmi fl-artikolu 171 (2), ċjoè fil-każ illi t-talba ssir per mezz ta' avviż, it-talba għas-subizzjoni ssir verbalment fil-waqt li l-attur jagħmel it-talba għat-taħrika tal-konvenut, u dan jiġi mgħarraf b'hekk bi twissija espressa fl-avviż imsemmi f'dak l-artikolu;

F'dan il-każ fl-avviż hemm "għandek tidher biex tixhed", formola li hija żbaljata, għaliex tradizzjonalment dik dejjem kienet "għandek tidher għas-subizzjoni". Il-kwistjoni hija jekk dik il-formola timplikax dak li trid il-liġi;

Tikkunsidra;

Illi l-materja tas-subizzjoni hija trattata speċjalment fil-liġi, għaliex hija materja serja, peress li biha, jekk il-parti ma tidherx, il-kapitoli jittieħdu bħala konfessati, u allura l-konvenut ikun impedut anki jagħmel appell, jekk ma jiġġustifikax il-kontumaċja tiegħu. Għalhekk il-liġi trid "expressis verbis" fl-art. 701 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, illi t-talba mill-attur għas-subizzjoni tal-konvenut issir fiċ-ċitazzjoni; u jekk minflok ċitazzjoni jkun hemm avviż sempliċi, peress li dik il-proċedura hija sommarja, tkun tista' ssir verbalment, bil-kondizzjoni però illi fl-avviż il-konvenut "jiġi mgħarraf b'hekk bi twissija espressa fl-avviż fuq imsemmi";

L-appellat igħid illi dan ġie ottemperat bil-fatt illi hemm dik l-espressjoni "għandek tidher biex tixhed". Imma għal-kemm fl-intenzjoni ta' l-attur huwa evidenti illi b'dik l-espressjoni kien jirriferixxi għas-subizzjoni, iżda l-liġi trid illi l-konvenut ikun infurmat b'dan illi l-attur qiegħed jinterpella lill-konvenut mhux biss biex jixhed, imma għas-subizzjoni, illi hija ħaġa wisq iżjed gravi mill-oħra. Għalhekk il-liġi ma ġietx ottemperata;

Is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija anki nulla in kwantu ġiet bażata unikament fuq prova li kienet nulla; u għalhekk realment il-Qorti għaddiet għas-sentenza mingħajr ma kellha l-ebda prova valida u legali quddiemha—ħaġa li hija manifestament kontra l-liġi, għaliex il-Qorti għandha tiddeċidi fuq il-provi miġjuba;

Għal dawn ir-raġunijiet;

1. Tiddikjara illi l-appellanti ma ġġustifikatx il-kontumaċja tagħha "ut sic" quddiem l-Ewwel Qorti; bl-ispejjeż kontra l-istess appellanti;

Tilqa' l-eċċezzjoni li tat l-appellanti fuq in-nullità tas-subizzjoni u tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, u għalhekk tiddikjara nulla dik is-sentenza; l-ispejjeż relativi jitħallsu, in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ, in kwantu għal żewġ terzi mill-appellat u terz mill-appellanti; u tordna illi dawn l-attijiet jiġu rimessi lill-Ewwel Qorti għat-trattazzjoni u d-deċiżjoni tal-kawża.